Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 101/2014AE

**Reggie Cini**

**Vs**

**Reginald Cini**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016.

L-attur harrek lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300), in kwantu ghal €300 prezz ta' sink li qal li twahhal fil-fond Buba's Snack Bar, Triq Sant'Anna, Floriana u €1,000 li l-attur ta b'self lill-konvenut.

Il-konvenut oppona t-talba u qal li l-ebda hlas ma kien dovut.

B'sentenza tas-7 ta' Mejju 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-konvenut u kkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) bl-imghax mid-19 ta' Novembru 2013.

Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravju hu li l-attur naqas milli jaghti prova tal-pretensjoni tieghu. Mir-rikors tal-appell hu evidenti li l-appell hu bazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal.

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti, u tosserva:-

**<u>Sink</u>**.

Il-kontendenti taw verzjonijiet konfliggenti. Pero' Alison Spiteri, li tmexxi l-hanut fejn il-konvenut pogga s-sink li tah l-attur, xehedet:-

*"L-intimat kien wahhalli s-sink u jiena staqsejtu x'kelli naghtih. L-intimat talabni mija u tmenin ewro (€180). Jiena meta hallastu ma hallastux ta' jdejh biss izda hallastu ta' kollox, is-sink u ta' jdejh…. is-sink gie provdut mir-rikorrenti. Nerga' nghid illi jiena lil intimat staqsejtu x'irrid intik ta' kollox ? Huwa talabni mija u tmenin ewro (€180) u jiena hekk hallast….. Mistoqsija jekk jiena kontx inhallas mija u tmenin ewro (€180) ta' jdejh biss, nghid illi le. Jiena hallast il-mija u tmenin ewro (€180) ta' kollox, tas-sink u tat-tqeghid u ovvjament li jnehhi li kien hemm".*

Mehud in konsiderazzjoni dak li xehedet Alison Spiteri, il-qorti ma tqiesx verosimili dak li xehed l-attur li:-

i. kien ta s-sink lill-konvenut *"…. bil-prezz ta' tlett mitt ewro (€300)"* (fol. 15) u li *"Mistoqsi ma' min akkordajt dwar il-prezz tas-sink nghid illi jiena akkordajt dan il-prezz ma' missieri"* (fol. 17). Fuq bazi ta' probabilita, li kieku l-attur biegh is-sink lill-konvenut ghall-prezz ta' tlett mitt ewro (€300), il-konvenut ma kienx ser jitlob lil Alison Spiteri thallsu s-somma ta' €180.

ii. *"Lili qaltli illi hi kienet hallset lil missieri personalment l-ammont ta' tlett mitt ewro ghal dan is-sink"* (fol. 17).

Fic-cirkostanzi l-qorti m'hijiex tal-fehma li l-attur ta prova li biegh is-sink lill-konvenut ghall-prezz ta' €300. Hu stess xehed: *"… illi tal-Buba huma nies ta' rispett kbir, dejjem irrispettawni u naf li kelhom il-mard fil-familja u ma ridtx nakkashom"* (fol. 17). Il-qorti iktar tqies kredibbli li l-attur ftehem mal-konvenut li ghas-sink, jigbor xi haga tal-flus minghand l-operaturi ta' Buba's Bar. Ghalkemm il-konvenut xehed: *"Jiena flus tas-sink ma hadtx"* (fol. 18), il-qorti ma tistax temmen din il-verzjoni meta tqies dak li xehedet Alison Spiteri. Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda tillikwida s-somma ta' mitt ewro (€100) wara li qieset il-hlas li rcieva l-konvenut u x-xoghol li ghamel.

**<u>Self ta' elf ewro (€1,000)</u>**.

Il-qorti temmen li t-Tribunal kellu kull dritt jikkonkludi li l-verzjoni li ta l-attur hi iktar kredibbli. 'Il fatt li l-partijiet jaghtu verzjonijiet konfliggenti, ma jfissirx li t-Tribunal kellu minnufih jikkonkludi li l-attur ma ppruvax il-kaz tieghu.

Mill-provi rrizulta li fis-26 ta' Jannar 2013 l-attur kien ittrasferixxa s-somma ta' €1,748.52 lill-ohtu li tghix l-Awstralja. Il-qorti ma tqies xejn verosimili, dak li xehed il-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014, li:

- kien staqsa lill-attur kif kien baqa' fuq ohtu, u r-risposta tal-attur kienet: *"jiena la rrid naf bik u lanqas b'ohti"* (fol. 18). Skond il-verzjoni li ta l-konvenut ma rrizultax li kien hemm xi raguni ghalfejn l-attur qal dak il-kliem lil missieru. Il-konvenut ma semmiex li f'dak l-istadju kien hemm xi dizgwid mal-attur li seta' wasslu biex ikollu dik it-tip ta' reazzjoni fil-konfront ta' missieru;
- Ta x'jifhem li l-ewwel darba li sar jaf li l-attur kien baghat flus lill-ohtu, kien madwar tlett xhur qabel il-gurnata li fiha kien qieghed jixhed. Dan m'huwiex kredibbli meta tqies li l-flus intbaghatu f'Jannar 2013 u mill-provi jirrizulta li l-kontendenti kienu jitkellmu ma' xulxin. Mill-verzjoni li ta l-konvenut stess hu evidenti li li l-attur kien gharraf lill-missieru li ghamel kuntatt ma' ohtu u li kien sar kliem maghha biex tigi ghal vjagg Malta. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' l-attur kien gharraf lil missieru b'dak kollu li kien qieghed jaghmel, u kien f'dak iz-zmien li l-konvenut qal lill-attur li ser jatih €1,000 mis-somma li l-attur kien ser jibghat lill-ohtu biex tigi tarahom Malta;
- Bintu qaltlu li l-attur kien baghatilha elf ewro (€1,000) u talabhomlha lura, meta mid-dokumenti li pprezenta l-attur jirrizulta li fil-fatt ghamel bank transfer ta' €1,748.52 (fol. 22). Min-naha l-ohra r-raguni tghidlek

li jekk verament l-attur talab lill-ohtu biex thallsu s-somma ta' €1,000, kien proprju minhabba li missieru ma kienx wettaq dak li weghed lill-attur cjoe' li mis-somma flus li baghat lill-ohtu, kien ser ihallsu s-somma ta' €1,000.

Fic-cirkostanzi l-qorti taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal u tikkonkludi li l-verzjoni tal-attur hi iktar kredibbli minn tal-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa' parzjalment l-aggravju tal-appellant fir-rigward tas-sink u ghalhekk tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-7 ta' Mejju 2014 fis-sens li f'dan ir-rigward il-hlas dovut lill-attur hu mitt ewro (€100).**
2. **Ghal kumplament tichad l-appell u ghalhekk is-somma totali li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur hi ta' elf u mitt ewro (€1,100), bl-imghax kif dikjarat fis-sentenza tat-Tribunal.**

**Spejjez tal-ewwel istanza u ta' dan l-appell jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tal-konvenut u 15% a karigu tal-attur**.

Anthony Ellul.